**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 36 – IT-TLIETA, 1 TA' OTTUBRU 2013**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużat: | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| Assenti: | Joe Woods | Viċi *Chairperson* |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa 35 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel riferenza għall-email mingħand id-Direttorat tas-Saħħa Pubblika (Dr Busuttil) u qal li hemm bżonn li l-bajja f'Baħar iċ-Ċagħaq li fiha jistgħu jinżlu l-klieb tkun inkluża fil-lista tal-moniteraġġ biex ma jkunux jistgħu jitniżżlu klieb. Il-Kumitat qabel li għandha ssir talba biex tkun inkluża fil-lista.

## 3. IL-MANUTENZJONI U T-TINDIF TA' ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI

3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv esprima fhemtu li l-Kumitat għandu jikteb lid-Direttur tad-Dipartiment kif ukoll lill-Ministri jinfurmahom li l-Kumitat ma jaffordjax jieħu ħsieb il-Ġnien minħabba l-fondi baxxi li għandu.

3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li f'dan l-istadju l-Kumitat għandu jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu ta' x'għandu jsir fir-rigward taż-żamma tal-Ġnien.

3.3. Is-Sur Gatt qal li hemm bżonn li tinstab soluzzjoni sabiex il-Ġnien ma jitħalliex sejjer għall-agħar.

## 4. TINDIF TA' ŻONA F'XATT IL-PALM

4.1. Is-Sur Gatt semma li se ssir trinka minn fejn id-*Diving Centre* sa Triq l-Iskall.

4.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li jekk mhux se jittella' ċ-ċint fid-dawra ta' Xatt il-Palm, iż-żona mhix se tieħu r-ruħ. Fil-preżent peress li hemm ċint baxx ħafna, qiegħed ikun hemm akkumulu ta' skart f'din iż-żona.

4.3. Iċ-*Chairperson* semmiet li fl-aħħar budget ir-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq kienu mwegħda li f'Baħar iċ-Ċagħaq se jsir *Out Door Gym*. Minkejja dan sal-lum la ssemma u lanqas sar. F'dan id-dawl hija tixtieq tkun taf jekk hux se jsir.

## 5. PROPOSTA GĦAL *ONE WAYS* TA' TRIQ SANTA KLARA U TREJQET IL-KAMPANJOL

5.1. Is-Sinj. Cuomo faħħret l-impenn tal-WasteServ Malta Ltd kif ukoll tal-Kunsill Lokali In-Naxxar talli għamlu xogħol siewi ħafna fi Triq Santa Klara. Min-naħa l-oħra uriet dispjaċir li ma saritx Trejqet il-Kampanjol.

5.2. Is-Sinj. Vella semmiet li d-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Santa Klara għandha tkun lejn in-Naxxar filwaqt li d-direzzjoni tat-traffiku fi Trejqet il-Kampanjol għandha tkun lejn Baħar iċ-Ċagħaq. Il-Kumitat qabel.

5.3. Bħas-Sinj. Cuomo, s-Sinj. Vella esprimiet x-xewqa tagħha li għandha tittejjeb il-kundizzjoni ta' Trejqet il-Kampanjol, wisq iżjed jekk se ssir f'direzzjoni waħda.

## 6. *PARKING BAYS* FI TRIQ IL-LAMPARA U TRIQ IL-FUGASSA

6.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet li t-tarmak ta' Triq il-Lampara u ta' Triq il-Fugassa sar.

6.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet ukoll li f'dawn iż-żewġ toroq kif ukoll fi Triq l-Arzella hemm bżonn li jsiru l-marki tat-triq. Dan sabiex isir parkeġġ ordnat.

## 7. TIBDIL TA' TABELLI TAL-ISMIJIET TAT-TOROQ

7.1. Iċ-*Chairperson* semmiet li b'kollox f'Baħar iċ-Ċagħaq hemm 28 isem ta' triq.

7.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet li f'xi lokalitajiet osservat li hemm ismijiet tat-toroq li huma taċ-ċeramika u huma mwaħħla ma' arblu. Madankollu kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-kumplament tal-Kumitat ma qabilx li għandhom isiru hekk għaliex faċilment jinkisru.

7.3. Intlaħaq ftehim li għandha ssir ittra lil dawk ir-residenti minn Baħar iċ-Ċagħaq li preżentament, quddiem ir-residenza tagħhom għandhom arblu bl-isem tat-triq. Dan sabiex il-Kumitat jiddetermina jekk hemmx min joġġezzjona li jeħel mal-faċċata tiegħu.

7.4. Is-Sinj. Cuomo u s-Sinj. Muscat se jduru r-residenzi ta' Baħar iċ-Ċagħaq li mal-faċċata tagħhom hemm il-ħsieb li jeħel l-isem tat-triq.

## 8. ATTIVITÀ TAL-MILIED U TIŻJIN TAT-TOROQ

8.1. Il-Kumitat tal-fehma li minħabba li m'għadux juża s-sala tal-Knisja Santa Marija tal-Anġli frekwentament, għandu jintlaħaq ftehim sabiex ma jibqax iħallas €1,000 kull sitt xhur.

8.2. F'dan id-dawl is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-aktar mod ġust hu li l-Kumitat jaqbel fuq rata fissa li lest li jħallas għal kull kors li jsir.

8.3. Iċ-*Chairperson* qalet li hemm bżonn li ssir laqgħa bejn Fr Paul Attard u l-Kumitat sabiex jintlaħaq ftehim fuq il-ħlas dovut lil Fr Attard għall-użu tas-sala; fuq id-dawl tal-Milied kif ukoll fuq l-attività annwali tal-Milied li jsir ghat-tfal minn Baħar iċ-Ċagħaq.

8.4. Kien hemm qbil unanimu li jkun propost lil Patri Paul Attard li l-ħlas għall-użu tas-sala għal kull kors li jsir għandu jkun ta' €50. Dan però se jkun suġġett ta' diskussjoni ma' Fr Attard fil-laqgħa li għandha tkun organizzata.

8.5. Dwar l-attività annwali li ssir fi żmien tal-Milied, il-Kumitat huwa tal-fehma li għandu jgħid lil Patri Attard sabiex jieħu ħsieb li jorganizzah hu iżda l-Kumitat joffrilu l-għajnuna neċessarja.

## 9. ILMENTI U TALBIET MIR-RESIDENTI

9.1. It-talba ta' *shade* għall-bozza fi Triq Xatt il-Palm, ma' dar bl-isem: "Veronique" ġiet meqjusa li mhix ġustifikata.

9.2. It-talba għal aktar skips fi Triq is-Sikka ma ġietx approvata. Dan għaliex ta' spiss jaslu ilmenti minn residenti fl-istess triq li madwar l-iskips qiegħed ikun hemm akkumulu kbir ta' skart.

9.3. Is-Sinj. Muscat irrappurtat li fi Triq Xatt il-Palm hemm siġra tal-ficus li għandha bżonn tinżabar.

9.4. Is-Sinj. Muscat irrappurtat ukoll li faċċata tal-islip way f'Baħar iċ-Ċagħaq, mal-faċċata tad-dar il-ħamra, hemm bozza maqtugħa.

## 10. TMIEM IL-LAQGĦA

10.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru, 2013 ghal 5:00pm.

10.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |